V

(Avviżi)

PROĊEDURI DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA TAL-KOMPETIZZJONI

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Il-Każ M.9075 — Continental/Aviation Industry Corporation of China/JV)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2018/C 366/07)

1. Fit-3 ta' Ottubru 2018, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Din in-notifika tikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— Continental Automotive Holding Co., Ltd ("Continental Automotive", iċ-Ċina), li tappartjeni għal Continental AG (il-Ġermanja),

— Sichuan Chengfei Integration Technology Corp., Ltd ("CITC", iċ-Ċina), li tappartjeni għal Aviation Industry Corporation of China (iċ-Ċina),

— Continental CALB Battery Power System Co., Ltd ("JV", iċ-Ċina), ikkontrollata minn Continental Automotive u CITC.

Continental Automotive u CITC jakkwistaw, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) u 3 (4) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet il-kontroll konġunt tal-join venture (JV).

Il-konċentrazzjoni hija mwettqa permezz ta' xiri ta' ishma f'kumpanija maħluqa ġdida li tikkostitwixxi f'joint venture.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

— Continental Automotive hija kumpanija azzjonarja b'investiment barrani, proprjetà indiretta kollha kemm hi ta' Continental AG, grupp Ġermaniż tal-manifattura tal-karozzi li prinċipalment jispeċjalizza fi prodotti għall-industriji tal-karozzi u tat-trasport,

— CITC hija attiva fit-tfassil u l-manifattura ta' batteriji u sistemi ta' enerġija permezz tas-sussidjarja tagħha, China Aviation Lithium Battery Co., Ltd. CITC hija direttament proprjetà ta' Aviation Industry Corporation of China ("AVIC"), intrapriża li tappartjeni għall-istat,

— Il-JV se tiżviluppa, tipproduċi u tbigħ sistemi ta' batteriji għal vetturi elettriċi ibridi. Il-portafoll tal-prodotti se jkun jinkludi sistemi ta' batteriji b'vultaġġ baxx, software ta' applikazzjoni tas-sistema tal-batteriji, ċelloli tal-batteriji u sistemi għall-ġestjoni tal-batteriji, kif ukoll il-ġestjoni tal-katina tal-provvista ta' sistemi ta' batteriji.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura simplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([2]) jinħtieġ li jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stabbilita fl-Avviż.

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").
([2]) ĠU C 366, 14.12.2013, p. 5.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jinħtieġ li r-referenza li ġejja dejjem tiġi speċifikata:

M.9075 — Continental/Aviation Industry Corporation of China/JV

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-email, permezz tal-faks jew permezz tal-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Faks +32 22964301

Indirizz tal-posta:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË